**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 385/14

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Gabriel Micallef)

**kontra**

**CHRISTIAN PORTELLI**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 211591(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christian Portelli, ta' 22 sena, iben Mario u Doris nee' Grima, imwieled gewwa l-Pieta' fl-10 t'April 1991 u residenti fil-fond 58, Triq is-Serkin, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 211591(M), senjtament akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar 2014, f'Santa Lucija u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-gzejjer:

1. Produca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8 (b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kien fil-pussess tr-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati;
3. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. talli sar recidiv b'sentenza mghotija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;
5. talli kkometta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza mghotija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u m tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat it-23 ta' Lulju tas-sena 2014, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smiegh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament ippreseduta[2];

Rat li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2015, l-imputat talab lil din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta[3], liema talba giet irtirata fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2022;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz odjern jirrisali lura ghat-12 ta' Frar tas-sena 2014 meta l-imputat twaqqaf mill-pulizija waqt li kien ma persuna ohra vicin il-Klabb tal-Bocci gewwa Santa Lucija. Mit-tfittxija li saret fuq il-qua imputat Christian Portelli nstabu tlett bicciet

[1] Fol. 4 tal-atti processwali
[2] Fol. 58 u 61 tal-atti processwali.
[3] Fol. 5 tal-atti processwali

sustanza kannella suspettata raza tal-cannabis, joint go pakkett tas-sigaretti u zewg mobile phones. Is-sustanza illecita nstabet gewwa l-but tal-hoddie li kellu. Minn tfittxija gol-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni JAG 253 instabu xi lubretti (karti tar-rizla) u xi roaches.

Fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2015, wara li gietipprezentata s-sustanza elevata, l-partijiet qablu li s-sustanza elevata kien dik ta' raza tal-Cannabis fl-ammont ta' 14.45g. Ghaldaqstant ma kienx hemm il-htiega li jigi nominat espert bil-ghan li jistabilixxi n-natura tas-sustanza u l-ammont.

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari, l-imputat talba ghall-isfilz tal-istqarrija. Fil-fatt fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2022, d-difiza ghamlet is-segwenti verbal:

> *"Dr. Kathleen Calleja Grima ghall-imputat tirrileva li gialadarba l-istqarrija ittiehdet minghajr ma l-imputat kien assistit legalment waqt l-istqarrija u lanqas gie offrut dan id-dritt in vista tal-ligi vigenti dak iz-zmien din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tiskarta l-istess stqarrija u dan ghaliex jista' jaghti l-kaz li ttiehdet bi ksur tad-drittijiet tieghu."*[4]

Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni ma dan il-kaz, il-pulizija nterrogat lill-qua imputat – Christian Portelli. Fil-fatt l-istqarrija ttiehditlu nhar it-12 ta' Frar tas-sena 2014 mill-ispettur Gabriel Micallef fil-prezenza ta' WPS 120 wara li nghata nformazzjoni sufficjenti dwar id-dritt tas-silenzju u d-dritt tal-assistenza legali li dak iz-zmien kien limitat ghal siegha qabel l-interrogatorju. B'referenza ghal dan l-ahhar dritt il-qua imputat ghazel li ma jezercitahx u fil-fatt iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens li giet esebita fl-atti processwali odjerni mmarkata bhala Dok. GM[5]. Madanakollu huwa fl-ebda hin ma gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina ruhu rigward l-imputazzjonijiet migjuba kontrieh tant li hafna mill-istess imputazzjonijiet inghataw fid-dawl ta' dak li stqarr l-imputat fl-istess stqarrija. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputat ma jirrizultax li huwa persuna ferm refrattarja u dak iz-zmien tal-interrogazzjoni huwa kellu biss l-eta' ta' 22 sena. L-imsemmija stqarrija jirrizulta li kienet l-unika prova tal-prosekuzzjoni rigward xi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni

[4] Fol. 76 tal-atti processwali.
[5] Fol. 20 tal-atti processwali.

Kostituzzjonali u anke Kriminali[6], fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-ewwel imputazzjoni titratta r-reat tat-traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis. L-unika prova rigwardanti dan ir-reat hija l-istqarrija rrillaxata mill-imputat fl-iter tal-investigazzjonijiet in konnessjoni ma dan il-kaz. Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak li din il-Qorti gia ddikjarat f'din is-sentenza ghal dak li jirrigwarda l-imsemmija stqarrija, ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn din l-imputazzjoni.

Permezz tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, Portelli jinsab akkuzat bil-pussess aggravat u bil-pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis rispettivament. L-imputat ma huwiex qed jikkontesta l-pussess tar-raza cannabis madanakollu qieghed jikkontesta l-pussess aggravat cioe' pussess f'tali cirkostanzi li jindikaw li dik is-sustanza ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv ta' Portelli.

Din il-Qorti tibda billi tindirizza l-kwistjoni tal-pussess. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta car li s-sustanza instabet fuq il-persuna tal-imputat u cioe' fil-but ta' hoodie li huwa kien libes[7]. Fil-vettura tieghu li kien qed juza dakinhar instabu ukoll xi oggetti relatati mal-uzu ta' sustanza illecita[8]. Is-sustanza elevata ma gietx analizzata minn espert mahtur mill-Qorti ghaliex qatt ma saret talba f'dan is-sens madanakollu mill-atti processwali kjarament jirrizulta li l-partijiet qablu li din is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Portelli kienet raza tal-cannabis fl-ammont ta' 14.45 grammi[9]. Tenut kont ta' dawn ir-rizultanzi jirrizulta pruvat b'mod car u inkontestat li Portelli kien fil-pussess xjenti tar-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis.

Ghaldaqstant, jonqos li din il-Qorti tiddetermina jekk il-pussess kienx wiehed aggravat jew semplici.

[6] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

[7] Ara x-xhieda ta' PC243 Clayton Frendo, fol. 25 tal-atti processwali.
[8] Ara x-xhieda ta' PS518 Anthony Degiovani, fol. 33 tal-atti processwali.
[9] Fol. 5 tal-atti processwali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Ernest Briffa[10] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
> >
> > *Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

B'referenza ghall-ammont, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Ninian Mangion mghotija fi-9 ta' Marzu 2010 ddikjarat is-segwenti:

> *"Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w ma tarax li n-numru ta' tlettax (13) il-pillola ecstasy kien tali li*

[10] 26.1.2011

*necessarjament jindika li kien intiz ghall-ispacc. Tqis ukoll li l-ispjegazzjonijiet u ragunijiet li ta l-appellant fl-istqarrija tieghu setghu ikunu accettabbli fuq bazi ta' probabbilta' w ghalhekk ma kellhomx jigu skartati. F' dan il-kaz, din il-Qorti ghad ghandha dak il-"lurking doubt" li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant."*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza l-Pulizija vs. Lawrence Fabri[11], taghmel referenza ghall-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs u tasal ghas-segwenti konkluzzjoni anke b'referenza ghall-kazistika mghotija mill-Qrati Maltin:

> *"Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*
>
> > *"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances.****"*
>
> *Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu."* (emfazi ta' din il-Qorti)

Applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz odjern din il-Qorti ser taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet. Fl-ewwel lok ic-cirkostanzi hekk kif pruvati mill-prosekuzzjoni huma s-segwenti tlieta:

i. mix-xhieda ta' PS518 Degiovanni u PC 243 Clayton Frendo jirrizulta li l-qua imputat kien flimkien ma persuna ohra fil-vicinanzi tal-klabb tal-Bocci ta' Santa Venera. Iz-zewg xhieda tal-pulizija jispjegaw li dawn

---

[11] 27.4.2017

il-persuni kienu qed jagixxu b'mod suspettuz madanakollu huma fl-ebda hin ma jghidu x'kien dak l-agir tal-imputat u l-persuna li kien mieghu li qajmielhom suspett. Ghaldaqstant din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe hjiel ta' prova li setgha possibilment kienet qed issir xi transazzjoni relatata ma' droga u jekk din kienet qed issir, min kien qed ibiegh lil min;

ii. L-ammont (14.45g) ma kienx wiehed zghir madanakollu ma kienx xi wiehed ferm kunsiderevoli. Dawn kienu maqsuma fi tlett bicciet ta' raza suspettata cannabis u joint; u

iii. Fil-vettura tal-imputat instabu xi lubretti u *roaches* dawn jindikaw li l-qua imputat kien jikkonsma s-sustanza kannabis. Mix-xhieda in difesa fosthom mir-Rapprezentant tal-Caritas, jirrizulta li mhux tali kien hemm konsum izda li l-konsum tas-sustanza cannabis kien wiehed kbir. Fil-fatt Maria Caruana tikkonferma li l-ewwel kuntatt mal-Caritas sar f'April 2014 u cioe' ftit wara l-kaz odjern u b'referenza ghall-konsum tal-imputat mis-sustanza cannabis hija ddikjarat: "*Mill-ewwel sessjoni, Mr. Portelli mill-ewwel wera li letteralment jghix fuq il-Cannabis. Il-problema kienet recurring hafna...*"[12]

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi hawn fuq elenkati din il-Qorti ma hijiex konvinta sal grad rikjest mil-ligi li l-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis kien wiehed li ma kienx intiz ghall-uzu personali. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni izda ser isibu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontrieh.

Illi in kwantu ghal-imputazzjoni numru erbgha li tirrigwarda r-recidiva. In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta wahda fit-8 ta' Novembru 2011 u l-ohra fil-5 ta' Lulju 2011. Permezz ta' dawn is-sentenzi jirrizulta li l-imputat kien gie mghoti liberta kkundizzjonata. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza il-Pulizija vs. Anthony Said mghotija nhar l-10 ta' Lulju 2015 inghad:

> *"Huwa minnu li s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008 ma tagħtix lok għal awment fil-piena taħt lartikolu 289 imsemmi iżda dan mhux għar-raguni mogħtija mill-appellant izda sostanzjalment għall-istess raġuni ġia fuq spjegata. L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli "fil-każijiet ta' reċidiva..." u peress li r-reċidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna konċernata "tkun giet ikkundannata għal reat..." persuna li titqiegħed taħt ordni ta' probation ma tistax titqies bħala persuna reċidiva peress li tali ordni, b'effett tal-artikolu 25(1) tal-Att dwar*

[12] Fol. 63 tal-atti processwali.

*Probation, kif ġia spjegat, għandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija u ċioe' ma titqiesx kundanna. Għalhekk darba li ma hemmx reċidiva skont l-artikolu 49 ma hemmx reċidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk is-sentenza dwar serq tat-22 ta' Mejju 2008 ma tagħtix lok għal awment tal-piena taħt l-artikolu msemmi."*

L-istess principju japplika ukoll ugwalment ghal-liberta ikkundizzjonata mghotija ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni definittivament ma tissussistiex.

Fl-ahhar net, in kwantu ghall-hames imputazzjoni, irid necessarjament jinghad li ghalkemm il-prosekuzzjoni esebit zewg sentenzi mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta wahda fit-8 ta' Novembru 2011 u l-ohra fil-5 ta' Lulju 2011. Ma tressqet l-ebda prova li dawn is-sentenzi kienu res judicata. Ghaldaqstant l-imputat odjern lanqas ma jistgha jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 8(a); 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6A tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, Christian Portelli, hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundanah ghall-penali ta' sebghin Ewro (Eur. 70).

Din il-Qorti, in kwantu ghat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas ghall-ispejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, tinnota li ma hemmx htiega ghal tali ordni tenut kont li fil-proceduri odjerni ma gewx nominati esperti fit-termini tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur